**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Il-Pulizija**

**Spettur Roderick Attard**

**Vs**

**Vincenzo Maniscalco**

**U**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru 474/2018**

**Illum, 11 ta' Ottubru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Vincenzo Maniscalco, detentur tal-karta tal-identità Maltija numru 135839A u/jew 135842A, u kontra Omissis, li permezz taghhom gew akkuzati talli bejn nhar it-28 ta' Lulju 2018, u sitt xhur qabel din id-data, mill-fond Lidl Malta Ltd Tal-Barrani Road, Ghaxaq, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. *B' mezzi kontra ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, ew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex qabqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elf u mija u tlieta u hamsin ewro (EUR 1153) ghad-detriment ta' Lidl Malta Limited;*

2. *Talli fl-istess zmien, data, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' aktar minn elf mija tlieta u hamsin ewro (1,153) ghad-detriment ta' Lidl Malta Limited, liema serq hu aggravate bil-persuna u bil-hin;*

*Lil Omissis wahidha;*

3. *Talli approprijajt ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilha minhabba l-kariga u/jew srvizz taghha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat .*

*U lil Vincenzo Maniscalco wahdu*

4. *Ghad li ma kienx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b), u (c ) tal-artikolu 42 tal-KAp 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Omissis l-awtur tad-delitti fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat; u/jew kien xewwex lil Omissis inkella sahhilha l-volonta taghha sabiex taghmel id-delitt, jew weghda li wara l-fatt jassistiha, jieqaf maghha jew jikkompensaha u dan bi ksur tal-artikoli 42(d) u ( e) tal-Kap 9 tal-LIgjiet ta' Malta*

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-artikoli indikati mill-Avukat Generali u cioè l-Artikoli 17, 31, 42(d), 42( e), 261(d), 261(f), 267, 268, 270, 279(a), 280, 281, 293, 294, 308 u 533 tal-Kap 9; l-Artikoli 308;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tinstema' bil-procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi prodotti**

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, xehed **Owen Micallef,** li spjega li l-imputat kien qed jiffroda flimkien ma' komplici minn Lidl. Spjega li Lidl kienet timpjega kaxxiera li kienet komplici mieghu u kienu jiehdu somom kbar f'affarijiet. Spjega li gie kkalkulat li kienu jiehdu bejn €300 u €400 kull darba billi kien ihallas xi haga zghira tal-flus, u johrog bi *trolley* mimli. Sostna li dan kollu gara ghal 32-il darba peress li din is-sitwazzjoni ilha ghaddejja minn Frar. Sostna li kellhom problemi bl-inventarji, u avza lis-security tal-hanut biex joqghod attent fuq il-*cashiers*. Spjega li fis-17 ta' Lulju 2018, dahlilhom l-ewwel suspett u tkellem mas-superjuri tieghu. Spjega li huwa nghata struzzjonijiet biex ma jghid xejn u jibqa' jaghmel *monitoring*.

Spjega li fl-24 ta' Lulju 2018, rega' gara l-istess haga. Spjega li s-Security pruvat tkellem lill-imputat, izda dan ghamel ta' bir-ruhu li ma semaghhiex ghax kien fuq il-*mobile*. Spjega li huwa kien avza lis-Security biex jekk terga' tigri l-istess haga, jinfurmawh. Spjega li din regghet grat fit-28 ta' Lulju 2018, u waqt li l-imputat kien hiereg, huwa identifika ruhu u talbu l-ircevuta. Spjega li l-imputat ghamel ta' bir-ruhu li qed ifittex l-ircevuta, izda mbaghad qal li ramiha. Spjega li huwa spjegalu li ghandu suspett li kien qed jisraq, u dan imbotta t-trolley, rikeb gol-karozza u telaq.

Spjega li l-imputat kien qed ihallas bil-*credit card*, u ghalhekk gabu t-*transactions* kollha li saru minnu, u b'hekk saru jafu li kien 32 -il okkazzjoni. Spjega li f'kull okkazjoni, kwazi dejjem hallas 29 centezmi. Spjega wkoll li dawn it-*transactions* saru kollha quddiem l-istess kaxxiera.

In kontroezami, huwa spjega li jaf li dan kollu beda minn Frar peress li gabru t-*transactions* kollha. Spjega li sfortunatament, kulma ghandhom *footage* huwa ta' tliet darbiet. Ikkonferma li l-ammonti li xtara l-imputat, ma jistghux jigu marbuta u kkonfermati mal-affarijiet li hargu minn Frar l' hawn. Sostna li dak li sab mit-*transactions,* ma jistghux jintrabtu mal-affarijiet li nxtraw verament. Sostna biss li hemm tliet *footages* tal-22, 24 u 28 ta' Lulju 2018. Dan hallas 29 centezmi u hareg bi trolley mimli. Sostna li meta sar l-inventarju, il-Corona hija wahda mill-items li marru hazin fl-inventarju, u jirrizulta li f'dawn it-tliet okkazzjonijiet imsemmija, huwa kien dejjem hareg b'hafna Corona. Sostna li ma hemmx provi ta' dak li gara bejn Frar u Gunju 2017, izda li jista' jghid li l-imputat kien dejjem jigi servut mill-istess kaxxiera.

Ikkonferma li minn Frar sa Gunju, huwa ma jistax jghid b'certezza li l-affarijiet li xtara kienu dawk li hemm indikati, jew jekk kienx hemm xi haga ohra. Sostna li kien hemm ftehim ta' frodi ghaliex irrizulta li saru 32 transactions ghand l-istess kaxxiera. Sostna li huwa ma kienx prezenti ghal xi diskors jew ftehim li seta' intlahaq bejn l-imputat u l-imsemmija kaxxiera.

F'seduta ohra, Owen Micallef kien ikkonferma li l-imputat kien qalilhom biex jiehdu d-dettalji tal-karozza tieghu qabel telaq.

F'seduta ohra, Owen Micallef ipprezenta l-inkartament relattiva ghal procedura li ttiehdet fil-konfront tal-kaxxiera involute, u li spiccat mkeccija minn dan l-impjieg ma' Lidl. Spjega li kienet saret S*uspension Letter* u C*harge Letter,* u mbaghad wara li gie deciz il-kaz, inghatat *Termination Letter*.

In kontroezami, huwa spjega li kien prezenti ghal xi laqghat li saru. Spjega li ma jahsibx li jinzammu minuti tal-laqghat li jkunu saru.

Xehdet ukoll **Charmaine Gauci** li spjegat li hija *Sales Area Manager* fil-Lidl. Spjegat li l-inventarji fil-hwienet taghhom isiru tliet darbiet fis-sena. Fi zmien Mejju u Gunju, isiru l-ewwel inventarji. Saru ghal dak li ghandhu x'jaqsam mal-hanut taz-Zejtun, u nstab li kien hemm nuqqas sostanzjali fl-istock. Tkellmet ma' Owen Micallef li huwa d-District Manager tal-hanut taz-Zejtun. Spjegat li Owen Micallef kien kellimha fil-25 ta' Lulju 2018, fejn spjegalha xi suspetti li kellhom. Spjegat li s-

Security kienet issuspettat fl-imputat fis-17 ta' Lulju 2018, u mbaghad fl-24 ta' Lulju 2018, regghet osservat lill-imputat jerga' jinqeda mill-istess kaxxiera, u meta ppruvat twaqqfu, dan ma tax kasha.

Spjegat li s-Sibt ta' wara, hija kienet prezenti meta l-imputat gie mitlub juri l-ircevuta ta' dak kollu li xtara. Spjegat li l-imputat kellu trolley kbir, u dak il-hin infurmahom li ma setax isib l-ircevuta. Spjegat li l-imputat gie mitlub jidhol gewwa maghhom sabiex tigi pprintjatha l-ircevuta mill-gdid, izda dan kien qalilhom li ma jistax ghax sejjer l-isptar. Spjegat li telaq fil-karozza u halla t-trolley hemmhekk. Kompliet tghid li kien hemm xirja ta' madwar hames mitt Ewro. Spjegat li mic-CCTV footages irrizulta li kien okkazzjonijiet simili fl-20 ta' Lulju, l-24 ta' Lulju u t-28 ta' Lulju 2018 fejn kien hemm ricevuti ta' 29 cents jew ta' €3, filwaqt li t-trolley jkun ta' hafna iktar valur.

Spjegat li hija kienet prezenti meta gie avvicinat l-imputat fit-28 ta' Lulju 2018. Spjegat li dan kompla miexi ghax kien fuq il-*mobile* jitkellem bit-taljan. Spjegat li xhin rahom jistennew biex ikellmuh, imbaghad kien qata' linja u kellimhom.

In kontroezami, hija spjegat li mill-footages jidher li l-imputat kellu hafna iktar prodotti fuq it-trolley milli kellu fuq ir-*receipt*, filwaqt li r-*receipt* tal-klijent ta' warajh taqbel ezattament ma' dak li kien hemm fit-trolley. Ikkonfermat li l-prodott jigi mghoddi mill-kaxxiera. Hija l-kaxxiera li tiskennja l-affarijet. Il-kont finali jinhareg mill-kaxxiera. Il-klijent ihallas dak mitlub u suppost jiccekja l-ircevuta tieghu qabel johrog, halli jara jekk hemmx affarijiet zejda jew nieqsa. Spjegat li f'dik l-okkazzjoni, hija kienet barra, u s-Security kienet ippruvat twaqqfu, u mbaghad l-iStore Manager mexa warajh ukoll, filwaqt li hi u d-District Manager kienu qeghdin barra jaraw x'inhu jigri. Spjegat li fit-28 ta' Lulju 2018, saret verifika bejn it-trolley li halla warajh l-imputat u l-ircevuta, liema verifika kkonfermat li ma kienx hemm qbil bejn il-kontenut tat-trolley u l-ircevuta. Fl-24 ta' Lulju 2018, l-imputat kien baqa' sejjer bit-trolley. Sostniet li meta tkellmu mal-kaxxiera, hija qalet li ma taf b'xejn.

F'seduta ohra, Charmaine Gauci sostniet li l-kaxxiera giet mitkellma wara. Din ma qalet xejn. Zmien wara kienu ttiehdu proceduri interni.

**Angela Mitreva** spjegat li hija tahdem bhala Security fil-Lidl Zejtun, u li fis-17 ta' Lulju 2018, rat lill-imputat hiereg b'trolley mimli, imma b'ircevuta zghira. Hija

tkellmet mas-Supervisor taghha, u giet moghtija struzzjonijiet biex id-darba li jmiss, twaqqfu. Fl-24 ta' Lulju 2018, hija rat lill-imputat jerga' jinqeda bl-istess kaxxiera. Rat li gara l-istess. Imbaghad kien hemm hemm okkazzjoni ohra fit-28 ta' Lulju 2018, fejn regghet rat ircevuta zghira u trolley mimli, u din id-darba l-imputat ma riedx jieqaf, imma gew il-Managers jikkonfrontawh, fejn talbuh l-ircevuta, izda dan qal li tilef l-ircevuta.

In kontroezami, hija spjegat li toqghod fejn il-kaxxiera, u b' hekk tkun taf l-ircevuta kemm hi kbira. Spjegat li t-trolley kien mimli u l-ircevuta kienet zghira. Spjegat li l-ircevuta tal-24 ta' Lulju 2018, kienet ta' 29 cents, u meta ccekjaw il-footages, jidher trolley mimli. Ikkonfermat li l-kaxxiera kienet qed tiskenja l-affarijiet. Sostniet li l-imputat hallas bil-*card*. Sostniet li jekk prodott ma jkunx gie scanned, l-alarm tigi attivata.

F'seduta ohra, hija spjegat li kienet ilha tahdem ghal sena u tliet xhur bhala Security gewwa Lidl Zejtun. F'dak iz-zmien, kienet ticcekja l-kaxxiera. Sostniet li kienet iddur mal-hanut. Fis-17 ta' Lulju 2018, hija kienet qed isegwi x'kien qed jigri. Sostniet li hija ma setghetx tara jekk l-oggetti kinux qed jigu skanjati, izda ma kinitx qed tisma' l-hoss li solitament jkun hemm meta jigu skenjati. Lanqas ma setghet tara id-*display* tal-*cash register*. Spjegat li hemm 9 *cash registers*, u meta oggett jigi scanned, jaghmel hoss. Spjegat li hemm min izomm il-hoss baxx u hemm min izommu gholi. Ikkonfermat li dawn kollha jaghmlu l-istess hoss. Spjegat li meta rat lill-imputat bit-trolley mimli, baqghet thares ha tara x'ser jigri. Sostniet li hija kienet taghraf lill-imputat ghaliex kien jigi b'mod regolari. Sostniet li meta l-ircevuta kienet ta' 29 centezmi, kienet rat ukoll il-footages. Sostniet li fis-17 ta' Lulju 2018, hija rat trolley mimli u rcevuta zghira. Dakinhar ma waqfitx lill-imputat.

Ikkonfermat li hemm *alarms* fuq il-bibien tad-dhul u tal-hrug. Spjegat li dawn idoqqu jekk oggett ma jkunx scanned. Fl-okkazzjoni meta sejjhet lill-imputat biex jieqaf u dan baqa' miexi, l-*alarms* kienu daqqew. Ikkonfermat li fis-17 ta'Lulju 2018, l-imputat kien hallas bil-*card.* Sostniet li fis-17 ta' Lulju 2018, hija ma tiftakarx jekk l-alarm daqqitx. Spjegat li fis-17 ta' Lulju 2018, kienet tkellmet mas-superjuri taghha, u dan kien qalilha biex tibqa' taghmel monitoragg. Spjegat li fl-ahhar okkazzjoni, l-imputat kien ghaddej jimbotta t-trolley bl-ghaggla. Dakinhar imbaghad wara li ma waqafx meta talbitu hi, kienu intervjenew il-*Managers,* li waqfu lill-imputat fejn il-karozza tieghu.

Spjegat li fit-tieni okkazzjoni, l-imputat kellu trolley mimli, imma kien hallas biss ircevuta ta' 29 centezmi. Spjegat li meta gew il-Pulizija, il-kaxxiera telqet. Hija spjegat li ma tafx jekk kienx gie ccekjat kemm kien hemm ammont ta' flus gewwa l-*cash register*. Spjegat li bis-sistema li hemm installata, jekk prodott ma jigix scanned, l-alarm idoqq. Spjegat li hija qatt ma ppruvat din is-sistema b'oggetti zghar li ma jkunux gew scanned. Ikkonfermat li l-imputat kien qed ipoggi l-oggetti fuq il-*conveyor belt* sabiex jigu scanned. Sostniet li dan pogga kulma kellu fuq it-trolley fuq il-*conveyor belt*. Imbaghad spjegat li l-imputat rega' pogga kollox biex ikun jista' jitlaq. Hija spjegat li ma giex ivverifikat jekk din il-kaxxiera kinitx qed taghmel l-istess haga ma' persuni ohra. Spjegat li ma jinzammx xi registru minnhom ta' kemm-il darba tkun daqqet alarm. Spjegat li kull meta ddoqq l-alarm, hija taghmel il-verifiki. Gieli daqq l-alarm minhabba labels li ma jkunux gejjin mis-supermarket tal-Lidl.

**L-Ispettur Roderick Attard** spjega li fit-28 ta' Lulju 2018, gie nfurmat minn xi haddiema li jahdmu go Lidl Malta Limited taz-Zejtun, li kellhom persuna mizmuma b'rabta ma' serq. Spjega li s-suspettat kien lahaq telaq minn fuq il-post. Imbaghad kienu hadu d-dettalji tal-karozza, tal-kaxxiera, u sussegwentement sar l-arrest. Spjega li mill-investigazzjoni li saret, irrizulta li kienu qed jghaddu xi prodotti lill-imputat tramite kaxxiera partikolari. Spjega li gie mghoddi lista ta' transazzjonijiet li saru, u nfethet investigazzjoni fejn irrizulta li l-imputat kellu *credit card* mal-BOV. Spjega li l-Pulizija nghataw tliet *footages* fejn jidher li hemm persuna li tixbah hafna lill-imputat, liema dati huma tal-20, 24 u 28 ta' Lulju 2018. Gew ipprezentati wkoll diversi *stills* mill-istess *footages*.

In kontroezami, huwa sostna li mill-investigazzjonijiet li saru, irrizulta li l-imputat kien imur fuq perijodu frekwenti f'dan il-hanut, u dana nonostante li huwa joqghod San Pawl il-Bahar, u dan il-hanut jinsab iz-Zejtun. Spjega li kien jinzel jaghmel xirja got-*trolley*, u gieli hallas €1.39c. Spjega li l-kaxxiera kienet ammettiet, u qalet li kienet ilha taf lill-imputat minn meta kienu jahdmu l-MTP. Sostna li l-ewwel, din il-kaxxiera nnegat li kienet taf lill-imputat. Ma qalitx izda, x'kien l-involviment tal-imputat f'din il-kwistjoni. Sostna li l-imputat qed jigi akkuzat abbazi tal-i*stills* li nhargu mill-*footages* ezebiti. Spjega li minn dawn, jirrizulta li l-imputat qieghed b'xirja li ma tikkorispondix ghal 39 cents jew ghal €1.50.

Sostna li huwa gie pprovdut ircevuta tax-xirja ta' qabel u tax-xirja ta' wara, u ghalhekk, is-sistema tal-iscanning kienet tahdem. Sostna li huwa deherlu li ma

kellux ghalfejn jinvestiga jekk l-oggett ma jigix scanned, jekk iddoqx is-sistema tal-alarm.

L-Ispettur kkonferma l-firma tieghu a fol 22 sa 25 tal-atti.

In kontroezami ulterjuri, huwa sostna li l-komplicità bejn l-imputat u l-kaxxiera rrizultat mill-fatt, li l-imputat kien dejjem imur fuq il-cash li kienet tkun fiha din l-istess kaxxiera partikolari. Kien hemm sensiela ta' transazzjonijiet dejjem mill-istess kaxxiera. Sostna li din il-kaxxiera kienet taf lill-imputat, ghax it-tnejn kienu jahdmu mal-Malta Public Transport bhala xufiera fl-istess zmien. Sostna li l-imputat huwa wkoll residenti San Pawl il-Bahar, però ghamel serje ta' transazzjonijiet minghand l-istess kaxxiera bil-*credit card* tieghu, liema transazzjonijiet kienu jammontaw ghal 29 cents u €1.37. Ikkonferma li ma rrizultalu minn imkien il-ftehim li kien hemm bejn il-kaxxiera u l-imputat. Fl-istqarrija, l-imputat kien sostna li huwa kien jahdem Hal Kirkop. Sostna li mhux stramb li jmur jixtri miz-Zejtun li kieku din kienet okkazzjoni ta' darba, izda mhux meta grat diversi drabi. Sostna li qatt ma rrizulta xi tip ta' ftehim, izda mill-provi migbura, xi tip ta' ftehim kien hemm bilfors. Ikkonferma li d-diskors li ntqal fil-ftehim, mhux a konoxxenza tieghu.

Sostna li r-raba' imputazzjoni nharget in konnessjoni mat-tielet imputazzjoni ta' mizapproprjazzjoni li nharget kontra l-kaxxiera. Ikkonferma li l-imputat ma jahdimx mal-Lidl. Sostna li huwa kien staqsa lill-kaxxiera jekk kienx normali li tixtri flixkun ilma u thallas bil-*card*, u din kienet irrispondiet fl-affermattiv. Il-kaxxiera qatt ma semmiet xejn fuq l-allegat involvement tal-imputat. Sostna li mill-*footage* jidher li l-kaxxiera ma kinitx qed tisscanja l-prodotti kollha. Il-prodotti ma kinux qed jghaddu minn fuq il-*barcode*. Sostna li huwa ma hassx il-bzonn li jaghmel investigazzjoni dwar kif tahdem is-sistema ta' *scanning* u tal-alarms fil-Lidl. Sostna li l-affarijiet tax-*shopping basket*, lanqas gew mtellghin fil-*cash till*. Sostna li huwa ma nvestigax jekk il-kaxxiera kinitx qed taghmel l-istess tip ta' transazzjonijiet ma' persuni ohra.

**PC 1342 Ryan Buttigieg** ipprezenta kopja tal-filmati u disa' ritratti mehudin mill-istess filmat, li qeghdin bid-data tal-20, 24 u 28 ta' Lulju 2018.

**PS 1227 Malcolm Pace** spjega li fit-28 ta' Lulju 2018, gie nfurmat li dahal rapport ghall-habta ta' nofsinhar gewwa Lidl Zejtun, li kien hemm xi hadd qed jisraq. Spjega li huwa ta struzzjonijiet lil PC 916 biex imur fuq il-post. Spjega li huwa gie nfurmat

li kien hemm persuna li kienet tiehu xi affarijiet minghajr ma' thallas taghhom, u li kien hemm involuta kaxxiera li kienet komplici.

**PC 916 Samuel Veneziani** spjega li huwa kien mar il-Lidl Zejtun, u tkellem ma' Charmaine Gauci li hija wahda mill-Managers, li nfurmatu li kien hemm persuna li harget b'xirja, u li kien hemm persuna ohra li tahdem bhala kaxxiera, li kienet involuta. Spjega li l-persuna li ha x-xirja kien lahaq telaq. Sostna li meta tkellem mal-kaxxiera, din qablet ma' kollox u l-*manager* qaltilha li trid titlaq mill-impjieg. Sostna li baqghu jinvestigaw lill-persuna l-ohra. Id-data kienet 28 ta' Lulju 2018. Sostna li l-kaxxiera ammettiet li kienet hadet xi affarijiet izda ma ammettietx li kienet tafu lil imputat.

**PS 1226 Silvan Pulis** xehed li fid-29 ta' Lulju 2018, l-iSpettur Attard ta d-dritt tal-avukat lill-imputat, u huwa ghazel li jkellem lil Dr Graziella Tanti. Huwa sostna li fir-rigward tad-dokument a fol 71, huwa nghata struzzjonijiet mill-Ispettur sabiex jikkonfiska *visa card* li kienet fir-residenza tal-imputat. Huwa kien mar fir-residenza tal-imputat u kkonfiska tali *card*. Huwa kkonferma l-firem ta' fuq dan id-dokument.

**WPC 160 Nicholette Grech** xehdet li fid-29 ta' Lulju 2018, waqt li kienet xoghol, kien hemm il-kaxxiera nvoluta, li nghatalha d-dritt li tkellem avukat, u kkonsultat ma' Dr David Gatt. Ikkonfermat il-firem li hemm fuq l-istqarrija a fol 25.

**Johanna Bartolo** xehdet li hija Senior Manager Litigation fil-Legal Office tal-Bank of Valletta plc. Spjegat li fir-rigward ta' Cashlink Card bin-numru 58873100256779018, din qieghda f'isem l-imputat, bil-karta ta' l-identità numru 135389A u l-*card* qieghda allaccata ma' Savings Account bin-numru 40023317361, liema kont infetah fit-22 ta' Mejju 2015. Dan il-kont ghadu miftuh.

**Dottor Gabrielle Tabone** xehdet fejn spjegat li kienet prezenti ghal xi bord ta' dixxiplina li sehh fil-konfront tal-kaxxiera nvoluta f'dan il-kaz. Spjegat li ma ttiehdux minuti tal-laqghat u lanqas *recordings*. Spjegat li l-kaxxiera kienet già ammettiet fil-proceduri li ttiehdu quddiem il-Qorti kompetenti. L-impjieg ghalhekk, kien gie mwaqqaf. L-imputat ma ssemma fl-ebda hin waqt dawn il-proceduri. Spjegat li l-kaxxiera kulma qalet kien, li dak li kellha tghid, già qalitu fil-kawza.

**L-imputat** xehed fejn spjega li dak iz-zmien, huwa kien jahdem ma' Redmix, il-kumpannija ta' Elbros, u kien jghix Bugibba. Spjega li huwa kien imur jixtri minn Lidl taz-Zejtun minhabba l-fatt li huwa vicin tax-xoghol tieghu, u ghalhekk meta kien jispicca mix-xoghol, kien imur hemmhekk biex imbaghad jibqa' sejjer id-dar. Spjega li martu dak iz-zmien, kienet tqila, u kien jiehu hsieb ix-xiri huwa. Huwa cahad li jaf lill-kaxxiera li kienet giet akkuzata mieghu. Sostna li huwa ghandu memorja tajba, u kien raha akkuzata mieghu, bil-konsewgenza li huwa jaghrafha lil din il-persuna. Sostna li gieli dahal jixtri flixkun ilma biss, u gieli mar jaghmel xirja. Cahad li huwa kien dejjem jinqeda minghand l-istess kaxxiera. Huwa kien jaghzel il-*lane* li tkun vojta. Ghalih ma kinitx taghmel differenza min kienet tkun il-kaxxiera u jekk tafx bit-Taljan jew le. Spjega li huwa kien jaghzel il-kaxxiera li jkollha l-inqas klijenti. Huwa kien ikun mghaggel ghax martu kienet tqila, u kienet bil-krozzi.

Spjega li huwa kien qieghed id-dar u gew il-Pulizija filghaxija. Spjega li dakinhar, kien ghamel xirja mil-Lidl, tal-affarijiet necessarji. Spjega li talbuh imur maghhom l-Ghassa. Spjega li huwa kien ihallas bil-BOV Card.

In kontroezami, huwa cahad li kull darba li mar il-Lidl taz-Zejtun, dejjem inqeda bl-istess kaxxiera. Huwa qatt ma hallas bi flus kontanti peress li dejjem hallas bil-card. Spjega li l-izball li kien jaghmel kien, li ma joqghodx jara l-ircevuta. Spjega li l-kaxxiera ammettiet li hija hatja, izda huwa mhux. Spjega li huwa gie mwaqqaf mill-Manager meta kien digà qieghed fil-karozza. Spjega li dan talbu jekk jistax jiehu ritratt tal-karozza, u huwa tah permess jaghmel dan. Spjega li huwa kien talbu biex ihallih imur malajr ghax martu kienet tqila, u ma kinitx qed thossha tajba. Spjega li huwa kellu flus biex ihallas ix-xirja. Huwa ma jafx is-sistema ta' kif tahdem il-*cash register*. Kien jghabbi l-affarijiet u jitfaghhom fil-*conveyor belt*. Imbaghad kien jitfa' l-affarijiet f'posthom u johrog. Sostna li huwa dejjem pogga kollox fuq il-*conveyor belt*. Spjega li huwa gieli xtara minn Lidl Mosta. Spjega li huwa kien imur kemm-il darba, peress li gieli kien jixtri anke l-*lunch* minn hemm.

**Ikkunsidrat**

**L-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat skont l-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipola li :

*308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerqieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmenl-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, metajinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs Glen Debattista, deciza fil-11 ta' Settembru, 2013, fejn intqal :

*"Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei f' Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354 jghid hekk:*

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*

*1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*

*2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*

*3) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*

*Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta 'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:*

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent….. liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata (Vide Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997).*

*Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa Antolisei jghid hekk:*

*l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno.. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale …. e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche …. essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore, e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui.*

*Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-*

*vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent.*

*Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata." (Vide Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata).*

Biex jikkonfigura dan ir-reat, irid jigi pprovat fil-grad li jesigi d-dritt penali, li permezz tal-messa in xena jew ingann iehor, sar qligh konsegwenzjali ghad-dannu ta' terzi.

Mill-provi prodotti, din il-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni giet ippruvatha mill-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma rriskontratx prova ta' *messa in scena* da parti tal-imputat, liema *messa in scena* waslet f'ingann biex sar qliegh minnu ghad-detriment ta' Lidl Malta Limited. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri, u cahad li huwa kien jaf lill-kaxxiera nvoluta, u li kienet ko-akkuzata mieghu. Il-Prosekuzzjoni da parti taghha, lanqas biss ma ressqet bhala xhud, lil din il-kaxxiera. Dik kellha tkun l-ahjar prova li l-Prosekuzzjoni setghet tressaq sabiex twassal lil din il-Qorti ghal konvinciment rikjest, biex issib htija fl-imputat.

Minflok, tali prova baqghet qatt ma tressqet, u l-Prosekuzzjoni strahet biss fuq fatturi ohra, u cioè li l-imputat kien johrog b'trolley mimli, mentri l-ircevuta tkun ghall-ammont minimu ta' ftit centezmi jew ftit ewro; li l-imputat kien joqghod San Pawl il-Bahar, izda kien imur dejjem jixtri minn Lidl Zejtun li huwa l-boghod, u li l-imputat kien dejjem jinqeda minghand l-istess kaxxiera. Da parti tieghu, l-imputat spjega li huwa kien imur jixtri minn dan l-istabbiliment peress li kien ikun f'dawk l-akwati fuq xoghol. Cahad li huwa kien jinqeda dejjem minghand l-istess kaxxiera, filwaqt li sostna li l-izball li ghamel kien li qatt ma ccekja l-ircevuti li kien jinghata.

In aggiunta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Katia Formosa Magro, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-28 ta' Marzu, 2011. F'dak il-kaz, il-kaxxiera ta'

supermarket kienet imputata, stranament, bir-reat ta' frodi meta kienet tonqos milli tghaddi certu oggetti minn taht l-*scanner*, meta familjari taghha jaghmlu ix-xirja minn dak l-istabbiliment, u ghalhekk bi gwadann ghall-familjari taghha stess. Wara li l-Qorti ghamlet esposizzjoni cara tar-reat ta' frodi ghad-differenza ta' dak ta' serq anke bis-sahha ta' awturi u sentenzi, ikkonkludiet hekk:

> *"Ghalhekk maghdud dan kollu jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana il-kaz huma imsejsa fuq l-elementi tar-reat tas-serq. It-tehid jew l-hekk imsejjah contractatio jirrizulta billi l-imputata qieghda tiehu indirettament tramite il-membri tal-familja taghha l-oggetti minghajr l-intenzjoni li tirritornah. Dan it-tehid qed isir b'mod frawdolenti, minghajr il-kunsens tas-sid u ovvjament bl-intenzjoni ta' l-imputata illi taghmel qliegh mill-istess tehid, qliegh li tgawdi minnu mhux biss hi izda il-familja taghha kollha. Ghaldaqstant l-imputata ma messha qatt giet akkuzata bir-reat ta' frodi, izda bir-reat tas-serq".*

Tenut ta' dan kollu, din il-Qorti tqies li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq l-ahjar prova u tipprova l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

**L-Imputazzjoni ta' Serq Aggravat bil-valur, persuna u bil-hin**

Imbaghad permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat b'serq aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-hin, u cioè bl-Artikoli 261 (d) u (f); 267, 268, 270, 279(a), 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq. Il-Qrati taghna madanakollu fil-maggior parti tad-decizjonijiet moghtija, dejjem segwew id-definizzjoni moghtija mill-Carrara, li minnha johorgu hames elementi ta' dan ir-reat u cioè:

1. it-tehid ta' oggett;
2. li huwa ta' haddiehor;
3. maghmula b'intenzjoni frawdolenti;
4. minghajr il-kunsens tas-sid;

5. animo lucrandi – bl-intenzjoni li isir xi forma ta' qliegh.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li gie ribadit minnha in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni, fis-sens li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq bhala xhud, lill-kaxxiera li setghet b'xi mod titfa' dawl fuq l-involviment, jekk kien hemm, tal-imputat, f' dawn l-allegati incidenti.

In oltre, fil-kaz hawn skrutinat, il-Qorti hija tal-fehma, li l-Prosekuzzjoni kienet indeciza mill-bidu, dwar x'imputazzjoni ser tressaq lill-imputat biha, tant li addebitat kontra l-imputat, sia r-reat ta' serq, kif ukoll komplicità ta' approprjazzjoni indebita, u kif ukoll dak ta' frodi b'ghemil qarrieqi.

Il-Qorti izda, lanqas ma hi konvinta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li gew ippruvati mill-Prosekuzzjoni, l-elementi tar-reat ta' serq. F'dan il-kaz, l-imputat kien verament f'supermarket biex jixtri. Huwa pogga l-oggetti kollha li nehha minn fuq l-ixkafef, fuq il-*conveyor belt* biex jigu *scanned*, u b'hekk ihallashom. Dan mhuwiex kaz fejn l-imputat heba xi oggetti fuq il-persuna tieghu jew go xi accessorji mizmuma minnu, sabiex b'hekk jiehu dak l-oggett mohbi u li huwa ta' haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, bl-intenzjoni li jaghmel forma ta' gwadann u qliegh. L-imputat fix-xhieda tieghu, kien car li huwa kien ipoggi kollox fuq il-*conveyor belt*, u mbaghad, ihallas bil-*card* l-ammont li taghtih il-kaxxiera. Din il-Qorti, fin-nuqqas tal-prova da parti tal-Prosekuzzjoni li kien hemm xi tip ta' arrangement bejn il-kaxxiera u l-imputat, ma tistax tasal ghal dak il-konvinciment morali li ssib htija fl-imputat, dwar din it-tieni imputazzjoni.

Ghalkemm din il-Qorti fehmet il-fatturi cirkostanzjali kollha li waslu biex l-imputat jigi akkuzat u mressaq quddiem din il-Qorti, jonqos izda l-ahjar prova li setghet twassal, biex din il-Qorti ssib htija fl-imputat, fid-dawl tal-imputazzjoni imressqa. Bil-mod kif gew imressqa l-provi, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti, ma jwassalx ghas-sejbien ta' htija tal-imputat, iktar u iktar meta jirrizulta li lanqas ma saru xi tip ta' investigazzjonijiet fuq il-kontenut tal-*cash register* tal-kaxxiera, bil-ghan li tigi skartata l-possibilità li l-imputat kien ikun hallas, izda l-flus kienet b'xi mod izzommhom l-istess kaxxiera.

**L-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

Fl-artikoli ndikati mill-Avukat Generali, gew imnizzla wkoll l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirrigwarda approprjazzjoni bla jedd u cirkostanzi aggravanti.

Tibda biex issir referenza ghall-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw:

> *293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
>
> *Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*
>
> *294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet, 'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter K/A Pierre Falzon (ID: 535060M)' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fis-16 ta' Gunju, 2016, (Kumpilazzjoni Nru: 551/13), fejn fost numru ta' konsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

> *'Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Grech deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghal dak li qal l-Awtur Taljan Luigi Mainou dan spjega li :*
>
> *"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della*

*conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni indebita wiehed jifhem dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju , u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan irreat li huwa jsejjahlu bhala:-*
*"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa*

*immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. Para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus John Gauci' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997, dwar l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie kkunsidrat li-

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' lapproprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja lħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."*

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar id-9 ta' Gunju, 1998, dwar l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie kkunsidrat li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."*

Il-Qorti qieset il-provi prodotti, u minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien impjegat ma' Lidl, jew li kien ircieva xi haga minghand Lidl, bil-ghan li jaghmel uzu specifiku li huwa minflok dawwar bi profit ghalih jew ghal haddiehor. Din l-imputazzjoni, bl-ebda mod ma tirrizulta, kif deltronde spjega l-istess Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni orali.

**L-Artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat li kien komplici mal-akkuzata l-ohra Omissis, dwar approprjazzjoni bla jedd fid-dawl tal-Artikoli 42(d) u 42( e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-mori ta' din il-kawza, l-Ufficjal Prosekutur kien spjega li din l-akkuza nharget in konnessjoni mat-tielet imputazzjoni, u cioè li l-imputat kien komplici mal-kaxxiera Omissis ghall-approprjazzjoni bla jedd.

Skont il-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament Artikolu 42 intitolat Komplicità Fid-Delitti, jinghad is-segwenti:

*42. Persuna titqies komplici f'delitt jekk hija –*

*(a) tkun tat ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt; jew*

*(b) tkun gieghlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita` jew setgha, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*

*(c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-egħmil taddelitt, meta kienet taf li kellhom hekk jigu uzati; jew*

*(d) ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement,tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-*

*atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

*(e) tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volontà tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.*

Skont il-Kodici Kriminali, l-Artikolu 43 intitolat Piena ghall-Komplici, jinghad is-segwenti:

*43. Barra minn meta l-ligi tghid xort'ohra, il-komplici f'delitt jehel ilpiena stabbilita ghall-awtur.*

Illi minn din id-dispozizzjoni, johrog car li sabiex persuna tinstab hatja ta' komplicità, huwa bizzejjed ghall-Prosekuzzjoni, li ggib il-prova li b'xi mod li jkun u bi xjenza, l-imputat ikun ghen jew assista lill-awtrici tad-delitt, sabiex tilhaq l-iskop taghha. Issa dan allura jfisser, li sabiex tinstab il-htija fil-komplicità, mhux necessarju li jigu ippruvati fil-konfront tal-komplici, l-elementi kollha tar-reat principali (u cioè dak tal-approprjazzjoni bla jedd). Naturalment, l-elementi kollha tal-approprjazzjoni bla jedd iridu jigu ppruvati fil-konfront tal-awtrici tar-reat, filwaqt li fil-konfront tal-komplici, huwa bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi, li l-persuna tkun b'xi mod u xjentement assistit lill-awtrici.

L-awtrici kienet ammettiet din it-tielet imputazzjoni u nghatat piena. Ai fini ta' komplicità, mhux rikjest li dawn l-elementi tar-reat jikkonfiguraw ukoll a favur tal-komplici. Il-fatt li l-komplici jkun xjentement assista l-awtrici tar-reat sabiex twettaq l-imsemmi reat, huwa bizzejjed sabiex tigi ppruvata l-komplicità. Irid jigi ppruvat xi ness bejn l-azzjonijiet tal-imputat u l-approprjazzjoni bla jedd imsemmija. Illi l-figura tal-komplici tirrizulta kull meta jkun hemm wiehed mill-azzjonijiet indikati fl-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Madanakollu, dawn necessarjament, iridu jkunu marbuta mal-kummissjoni ta' xi reat. Dan ghaliex irid necessarjament, jirrizulta l-partecipazzjoni fil-intenzjoni kriminuza sabiex jiriaffigura 'l hekk imsejjah "*common design*" mehtieg, bejn l-awtur/ko-awturi u l-komplici tieghu/taghhom. Mankanti dan il-pjan pre-ordinat bejn dawn in-nies kompartecipi fil-kummissjoni ta' delitt, kwindi tonqos ukoll ir-reità. Kif jghallimna l-Professur Anthony Mamo f'Lectures in Criminal Law, pp 124 u 125:

*"A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how*

> *effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs George Pace, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-11 ta’ Ottubru 1952, intqal li *“Il-komplicita' tippresupponi ineluttabilment l-akkordju ta' aktar minn forza wahda (morali jew fizici) li jikkonvergu biex jipperpetraw "l-istess delitt"*.

Madanakollu, f’ din il-kaz, dawn l-elementi ma gewx ippruvati. Ma gietx ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kienet tezisti l-partecipazzjoni tal-imputat fl-intenzjoni kriminuza tal-kaxxiera. Ma giex ippruvat l-ebda akkordju bejn il-kaxxiera omissis u l-imputat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mir-raba’ imputazzjoni.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza, billi tiddikjara li l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet imressqa mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, ma gew ippruvati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, u ghaldaqstant, qed tillibera lil Vincenzo Maniscalco minn kull kundanna u htija.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deptutat Registratur**